# Frammenti

Jien għandi ftit frammenti minn ġol-baħar
bil-għabra tan-nawfraġji miksijin,
bis-swaba' ta' kull mewġa primordjali,
bil-fwieħa ta' l-abbissi maħsulin.

Ma nafx humiex il-qxur ta' bronja mġarrba,
ma nafx humiex il-fosfru tal-mejtin,
ma nafx humiex il-ġawhar tas-sireni,
ma nafx humiex il-frak t'arzell mill-fin.

Naf żgur li dawn se nżommhom biss għalija
infittex fosthom sekli li għaddew,
naħsilhom bl-ilma safi tal-mirakli,
niskopri taħt il-lenti x'jaħbu sew.

Nerfagħhom fil-vetrina tal-misteri
m'oħrajn li ġbart tul snin ta' tifkiriet,
frammenti li jilmaw fid-dlam ta' ħajti,
frammenti ġewwa l-qalb li rross fis-skiet.

*Charles Bezzina*
Victoria





# U ma kellix il-kamera!

Għajjattlek kemm-il darba u bqajt ma ntbaħtx:
U ġrejt warajk imm'inti ma ħaristx!
Ridt nieħdok miegħi
f'għelieqi kollha ward u ħdura
Noħorġok mill-għeluq
ta' dawn l-erba' ħitan
fil-beraħ tal-kampanja
taħt xemx li ma tikfisx
fuq baħar kollu ġmiel,
kaħlani,
tax-Xlendi tagħna,
il-bejta ta' missieri
Imm'inti ġejt u mort
qisu ma ġara xejn u qatt ma kont
f'dinja tal-ħolm
li qatt ma kienet
li tgħaddi u tmur bħad-dell ta' nofsinhar!
Stampajtek f'ħbub għajnejja,
naqqaxtek f'qalbi mdejqa,
pittirtek fuq ir-ramel
u ktibtek fuq is-siġar
u għadek hemm sal-lum
u tibqa'
ħadtlek ritratt ta' dejjem!
U ma kellix il-kamera!

*Rev. George Mercieca*
Victoria